MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Numru. 249/2005

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
MICHELE CACHIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michele Cachia, ta’ 80 sena, bin il-mejtin Antonio u Clementina nee’ Grixti, imwieled Zurrieq fil-25 ta’ Lulju 1924 u residenti 17, Triq Pawlu Magri, Hal Luqa, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 481124(M), u akkuzat talli fi Triq il-Kunsilli tal-Ewropa, Hal Luqa, nhar is-7 ta’ Settembru 2004, ghal habta tas-sebgha ta’ filghodu, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Ryan Albert Ciappara minn San Pawl il-Bahar, u dan bi ksur tal-Artiklu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fit-30 ta' Gunju 2005.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mill-fatti speci tal-kaz jirrizulta illi l-imputat kien qieghed jattenta illi jaqsam, u filfatt qasam, fit-'traffic lights' fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Hal Luqa, meta t-'traffic lights' kienu hodor. L-imputat kien qieghed jaqsam bil-mixi waqt illi kontemporanjament imexxi l-'bicycle' b'idejh. Illi l-vittma ta' dan l-incident kien qieghed isuq mutur, u dan il-mutur habat mar-rota ta' quddiem ta' din il-'bicycle', tilef il-kontroll b'konsegwenzi fatali ghas-sewwieq.

Illi kien hemm xhieda okulari ta' dan l-incident li qalu dan bl-aktar mod car illi l-imputat qasam bil-'bicycle' f'idejh waqt illi l-'lights' kienu hodor (ara xhieda ta' Kevin Mallia u Joseph Darmanin a fol 22-26 tal-process verbal). Gie kkonstatat ukoll illi l-vittma li kien qed isuq il-mutur kien ghaddej bi 'speed' normali.

Illi di piu', mix-xhieda ta' Kevin Mallia (a fol 22), jirrizulta s-segwenti:

**'Dak ir-ragel (l-imputat) inzertajtu drabi ohra jaqsam hekk u ma jaqsamx bl-addocc pero' ma jirregolax ruhu billi jaghfas il-buttuni tal-lights ha jigi ahdar ghalih. Allura anke meta gara l-incident qasam meta kien ahdar ghalih.'**

Ikkunsidrat:-

L-imputat gie akkuzat ai termini tal-Artiklu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi ghal reat ta' omicidju nvolontarju:

*'Kull min b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' xi hadd.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs Perit Louis Portelli, deciza fl-4 ta' Frar 1961 kienet qalet is-segwenti:

*'Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Artiklu 239 (illum 225) tal-Kodici Kriminali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza) jew ta' hila (imperizia), fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.'*

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Attard u Emanuel Mercieca, deciza mill-Appell Kriminali fil-31 ta' Jannar 1983, dik il-Qorti tkompli tfisser:

*'Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza umana identifikat mal-bonus pater familias; dik il-kondotta cioe' illi f'kaz konkret, kienet tigi wzata minn persuna ta' ntelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz komkret; la diligenza del buon pater di familia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al guidice la liberta' di valutazione. (vide Giorgi-Teoria delle Obbligazioni Vol 2, 27P.46).*

Infatti, Sir Anthony Mamo fin-nota tieghu dwar il-ligi fil-kamp kriminali, u b'referenza ghal omicidju nvolontarju jghid is-segwenti:

*'They show a subjective attitude of the offender towards his acts and their consequence, thus preventing him from acquiring foresight and consciousness of them and but for which could have acquired such foresight and consciousness…when the law requires in order that punishment may be inflicted that the event should have been caused by negligence or imprudence, it means that the objective or material causation is not enough but that an enquiry has to be made into the mental attitude of the doer, in order to ascertain whether his mind was at fault in failing to appreciate and therefore to guard against the harmful consequences of his act.(Lectures in Criminal Law page 69 and 70).'*

Fil-kaz Il-Pulizija vs John Vella, deciz fil-15 ta' Frar 1958, il-Qorti tal-Appell Kriminali stabbiliet is-segwenti:

*'Infatti d-definizzjoni klassika tal-kulpa kriminali tibqa' dik moghtija mill-Carrara (volume 1 parte generale) b'dawn il-kliem:*
*'La volontaria ommissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto' (para 80 page 114).'*

*Dan l-awtur ikompli jghid illi tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa fil-kriminal:*

*'il tripode sul quale si assiede la colpa sara' sempre questo:*
*(1) volontarieta dell'atto*
*(2) mancata previzione dell'effetto nocivo*
*(3) possibilita' di prevedere.'*
*L'Arabia – Princip. Dir.Pen.p.128 et seq – isegwi t-tejorija tal-kolpa tad-Dritt Ruman li fih ukoll kien jinghad illi 'quando il danno avveniva oltre quello che potevassi umanamente prevedere, era un infortunio non punibile: vi era colpa se vi era possibilita' di prevederla.'*

B'dan kollu stabbilit, din il-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina l-kaz li ghandha quddiemha li dwaru l-imputat irregistra l-ammissjoni.

Illi fil-kaz in ezami, apparti l-ammissjoni tal-imputat, huwa evidentissimu illi l-imputat, bhala ‘pedestrian’, kien jehtieglu joqghod attent kif jaqsam u li meta jaqsam it-triq, ikun cert li jibda’ u jissokta jaqsam it-triq bla ma jfixkel l-utilisti l-ohra tat-triq. Meta si tratta ta’ ‘traffic lights’, dan jista’ jsir biss meta d-dawl ikun ahdar ghal min irid jaqsam, aktar u aktar meta min jattenta biex jaqsam huwa mxekkel b’xi toghbija jew b’haga ohra illi tnaqqaslu l-agilita’ u r-reazzjonijiet fizici normali.

Illi dan japplika aktar u aktar meta si tratta ta’ persuna avvanzata fl-eta’. Illi hemm xhieda inkontrovertibili illi ma kienx l-ewwel darba li l-imputat qabad u qasam minn fuq dawn l-istess ‘traffic lights’ meta dawn kienu homor ghalih. Irid jinghad ukoll, minn naha l-ohra, kif filfatt sabu l-esperti nominati fl-inkjesta (ara paragrafu 18 tar-relazzjoni tal-esperti Dr Micallef Stafrace u Joseph Zammit), illi minkejja li t-‘traffic lights’ ikunu hodor ghas-sewwieq, l-istess sewwieq xorta huwa tenut li joqghod attent u jghaddihom bi ‘speed’ baxx minhabba l-prezenza tan-nies, u cioe’ li dan huwa post fejn precizament sewwieq ghandu jistenna lin-nies u jrid ikun b’seba’ ghajnejn ghal xi nuqqas ta’ hsieb jew indiskrezzjoni da parti ta’ xi ‘pedestrian’.

Illi ghalhekk, il-vittma Ryan Albert Ciappara kkontribwixxa f’mizura zghira hafna ghas-sinistru.

Ghalhekk, fuq l-istess ammissjoni tieghu, u mehuda in konsiderazzjoni l-fatti kollha fuq elenkati, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 225 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------